# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Ġunju, 2023**

**Numru 3**

**Rikors Numru 723/22TA**

**Avukat Dr. Malcolm Mifsud (K.I. 405168M) a nom u in rappreżentanza tal-assenti Jennifer Neuhold residenti l-Awstrija detentriċi tal-Passaport Awstrijak bin-numru U5961079**

**vs**

**Dr. Kevan Azzopardi bħala likwidatur tas-soċjeta' bet-at-home.com Entertainment Ltd. (C-35055) b'digriet datat 27 ta' Ottubru, 2022**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Dr. Malcolm Mifsud għan-nom ta' Jennifer Neuhold (ir-rikorrent) tad-9 ta' Awwissu 2022;

Rat ir-risposta ta' Dr. Kevan Azzopardi bħala Riċevitur Uffiċjali ta' bet-at-home Entertainment Ltd., illum floku hemm Dr. Ingrid Fenech stante li Dr. Kevan Azzopardi ġie elevat għall-Bank tal-Ġudikatura (l-intimat), liema risposta ġiet presentata fit-23 ta' Jannar 2023;

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Bir-rikors odjern dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa li din il-Qorti tirrikonoxxi f'Malta Sentenza datata 24 ta' Jannar 2022 mill-Qorti Reġjonali Għall-Affarijiet Ċivili ta' Vienna fl-Awstrija, li permezz tagħha l-intimat ġie kkundannat iħallas lir-rikorrent is-somma ta' €108,222.00 oltre' spejjes.

Tajjeb li jingħad li meta ngħatat is-Sentenza mertu ta' dawn il-proċeduri s-Soċjeta' intimata kienet għadha mhux fi stralċ (ara a' fol 106).

Għal din it-talba l-intimat jwieġeb, li r-rikorrent ma setax jipproċedi kontra l-intimat bl-istanti peress li s-Soċjeta' bet-at-home.com Entertainment Ltd. kienet fi stralċ u nħatar likwidatur. Ifisser li r-rikors għalhekk ma sarx fit-termini ta' dak li jiddisponu l-artikoli 222 u 224(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Qabel xejn irid jingħad, li l-partijiet qablu li meta ngħatat is-Sentenza estera, is-Soċjeta' bet-at-home.com Entertainment Ltd. kienet għadha mhux stralċjata. Issa l-artikoli 222 u 224(2) fuq imsemmija rispettivament jipprovdu hekk:

*"Meta kumpanija tkun qed tiġi stralċjata mill-qorti, <u>kull att jew mandat, sew kawzjonarju jew eżekuttiv, barra minn mandat ta' inibizzjoni</u>, maħruġ jew miġjub kontra l-kumpanija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null".* (Emfażi tal-Qorti).

U

*Meta jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħatar amministratur provviżorju, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 228, <u>ma tista' tittieħed ebda azzjoni jew jinbdew xi proċeduri kontra l-kumpanija</u> jew il-proprjetà tagħha ħlief bil-permess tal-qorti u taħt dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-qorti".* (Emfażi tal-Qorti).

Dwar artikolu 222, il-Qorti tirrileva, li li dan jirrigwarda l-ħruġ ta' mandati kawtelatorji u esekuttivi. Dak li għandha quddiemha din il-Qorti, hija Sentenza ta' Qorti. Ghalhekk dan l-artikolu ma hux applikabbli għal dak li għandha quddiemha l-Qorti. Li kieku hekk applikabbli l-artikolu 224(2) kien ikun superfluwu u repetittiv.

Kwantu għall-artikolu 224(2) irid jingħad li fis-sewwa diġa' ittieħdu u inbdew proċeduri kontra s-Soċjeta' bet-at-home.com Entertainment Ltd, fi żmien meta din is-Soċjeta' ma kienitx stralċjata u di piu' quddiem Qorti barranija. Għalhekk dan l-artikolu ma japplikax għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti. Jekk qatt huwa applikabbli l-artikolu 222 tal-Kap 386, ir-rikorrent jagħżel li jesegwixxi s-Sentenza estera bl-otteniment ta' mandat esekuttivi kif anke fuq diga' spjegat.

Ma hemm ebda dubbju, li r-rikorrent ipproċeda abbażi tar-regolament EU1215/12, tant li jitlob lil din il-Qorti tordna l-eżekuzzjoni tas-Sentenza estera ai termini tal-artikolu 41 ta' dan ir-regolament, li jiddisponi hekk:

"*<u>Where enforcement</u> is sought of a judgment given in another Member State, the certificate issued pursuant to Article 53 shall be served on the person against whom the enforcement is sought prior to the first enforcement measure. The certificate shall be accompanied by the judgment, if not already served on that person.*" (Emfażi tal-Qorti).

Iġifieri huwa ċar, li dan l-artikolu jirreferi għall-eżekuzzjoni ta' Sentenza mogħtija minn Stat kommunitarju ieħor u ma hiex kwistjoni ta' rikonoxximent. Dan jagħmel sens, għaliex ġaladarba tingħata Sentenza bħal dik, sakemm ikunu rispettati l-elementi kollha espressament imsemmija f'artikolu 45, ma hiex kwistjoni ta' rikonoxximent, għaliex jekk hija Sentenza tajba u mhux difettuża fiha innifisha, daqs li kieku ngħatat mill-Qrati tal-istess Stat fejn qiegħed jintalab l-esekuzzjoni tagħha.

Għandu raġun ir-rikorrent meta fit-trattazzjoni, li hija reġistrata, l-abbli avukat tiegħu fisser hekk:

"... … *precedentement, f'din il-procedura kienet regolata mir-regolament 44/2001 pero' din imbaghad kienet inbidlet il-procedura bir-regolament 1215/2012. Il-bidla fil-procedura gabet kambjament fis-sens illi ghamlitha sa certu punt aktar facli illi wiehed jinforza f'pajjiz iehor tal-Unjoni Ewropeja*

*li wiehed ikun akkwista mill-Qorti ta' Stat Membru. Pero', din il-procedura qalbet il-pass illi wiehed irid jiehu … ... il-persuna l-persuna illi trid tenforza s-Sentenza ghandha tipprocedi bl-atti esukuttivi, f'dan il-kaz f'Malta, f'liema Stat ikun illi jridu jigu enforzati dawk il-proceduri. Imbaghad ,semmai, hija l-intimata illi ghandha l-jedd li tikkontesta tali esekuzzjoni. Hemm ukoll possibbilita ta' procedura ohra, kemm xejn differenti, fejn tista' issir talba minn min ser jenforza d-decizjoni … … li jitlob dikjarazzjoni specifika pero; hija partikulari mhux awtorizzazzjoni biex tenforza imma dikjarazzjoni illi ma jesistux ragunijiet biex wiehed jipprocedi bl-enforcement* ta' dik *is-sentenza."* (ara trattazzjoni fir-rikors numru 804/22TA)

Dan l-argument joħroġ ċar anke minn artikolu 45(1) li jiddisponi hekk:

*On the application of any interested party, the recognition of a judgment shall be refused:*

*(a) if such recognition is manifestly contrary to public policy (ordre public) in the Member State addressed;*

*(b) where the judgment was given in default of appearance, if the defendant was not served with the document which instituted the proceedings or with an equivalent document in sufficient time and in such a way as to enable him to arrange for his defence, unless the defendant failed to commence proceedings to challenge the judgment when it was possible for him to do so".*

Mill-artikolu suċitat joħroġ ċar, li t-talba għan-non-rikonoxximent tad-deċiżjoni trid issir mid-debitur għaliex talba bħal din raġjonevolment issir meta dan jirċievi l-atti ta' eżekuzzjoni. Dan tant huwa minnu, li d-dritt li d-debitur jikkontesta s-Sentenza stess jemerġi minn subartikolu 2 tal-istess artikolu 41 ċitat mir-rikorrenti fir-rikors promotur fejn dan jgħid:

*"Notwithstanding paragraph 1, the grounds for refusal or of suspension of enforcement under the law of the Member State addressed shall apply in so far as they are not incompatible <u>with the grounds referred to in Article 45</u>."* (Emfażi tal-Qorti).

Il-Qorti tkompli ssaħħaħ din il-konklużjoni bil-fatt, li r-regolament saħansitra jipprospetta sitwazzjoni, fejn id-debitur jingħata d-dritt li jkollu l-kopji u dokumenti kollha relatati mas-Sentenza li l-kreditur ikun qiegħed ifittex li jesegwixxi. Sakemm jingħata dawn id-dokumenti, il-proċedura għall-esekuzzjoni tiġi sospiza u dan biex anke jkun jista' jirregola ruħu fid-dawl ta' dak li jipprovdi artikolu 45. F'dan ir-rigward il-proviso tas-subartikolu 2 tal-artikolu 43 jitfa' dawl fuq dan l-aspett meta jiddetta hekk:

*"Where a translation of the judgment is requested under the first subparagraph, <u>no measures of enforcement may be taken other than protective measures</u> until that translation has been provided to the person against whom enforcement is sought."*

Għalhekk din il-Qorti tasal għall-konkluzjoni li t-talbiet tar-rikorrent kif magħmula ma humiex konformi ma dak li jrid ir-regolament EU 1215/2012 u kwindi **qed jiġu miċħuda**, fil-waqt li tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjes a' karigu tar-rikorrent.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**